# *Id-difiżi ta' kontra l-ajruplani fil-Mellieħa bejn l-1941-42*

Charles Debono, BA (Hons) History & MA History
Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra



Għall-bidu tal-1941, il-Kwartier-Ġenerali tad-difiżi ta' kontra l-ajruplani ta' Malta, iddeċieda li jistazzjona numru ta' kanuni ta' kontra l-ajruplani fil-Mellieħa, li probabbilment kienu tat-tip Bofors 40mm. Matul l-istess żmien kien hawn stazzjonati fil-Mellieħa numru ta' suldati tar-*Royal Malta Artillery* fil-Manikata u Id-Dahar il-Bajda. Ftit taż-żmien wara ġie stazzjonat kanun ieħor ta' kontra l-ajruplani fil-Qortin. F'Ġunju 1941, suldati tal-RMA ġew stazzjonati f'postazzjoni f'Għajn Żnuber, mentri fl-istess xahar is-suldati tal-RMA li kienu stazzjonati fid-Dahar il-Bajda ġew mibdula minn suldati tar-*Royal Artillery*.

Matul l-istess xahar ir-*Royal Artillery* stazzjonat kanun ta' kontra l-ajruplani fil-Miżieb, li kien difiż minn suldati tar-*Royal Artillery*. Fix-xahar ta' wara, ġew stazzjonati suldati tat-*27^th Battery Royal Artillery*. F'Awwissu 1941, ir-*Royal Artillery* kellha kanuni ta' kontra l-ajruplani fil-Blata u Bejn il-Ġonna. Huma kellhom pożizzjoniet f'Tat-Tomna, Ġnien ta' Rapa, Ras il-Ġebel, Selmun u fin-Naħlija.

Fl-1 ta' Jannar 1942, kien hawn stazzjonati fil-Mellieħa tmien kanuni ta' kontra l-ajruplani, li kienu fil-Mistra, Selmun, L-Imġiebaħ, Qortin, Tal-Ibraġġ, Tas-Sellum, il-Bajja tal-Mellieħa, Għajn Tuffieħa u tnejn fuq l-Irdum tal-Mellieħa. F'Mejju 1942, in-numru ta' kanuni tnaqqsu għal erbgħa, li kienu fil-Mistra, Selmun, l-Imġiebaħ u Tal-Ibraġġ. Probabbilment tnaqqas in-numru ta' kanuni minħabba li kellhom bżonnhom biex jiddefendu l-Port il-Kbir u l-wasla tal-iSpitfires.

Fir-rigward ta' *searchlights* ta' kontra l-ajruplani, kien hawn żewġ postazzjonijiet tas-*searchlights*, li waħda għadha teżisti u l-oħra kienet tkissret matul il-gwerra, li huma f'Għajn Tuffieħa u f'Tal-Bisqra. L-akbar waħda, u li hija elaboratha iktar, hija dik ta' Għajn Tuffieħa. Dil-postazzjoni tikkonsisti minn pjattaforma tal-konkos, imdawwra b'ħajt u fuq wara għandha mina żgħira, fejn matul il-ġurnata kienu jdaħħlu s-*searchlight* taħtha. Fil-ħitan hemm numru ta' toqob għar-*rifles* u minn fejn setgħu jittawlu. Ftit 'il bogħod minnha hemm numru ta' barrakki għas-suldati. Il-ħitan minn barra jidhru qishom ħitan ta' ġibjun. Il-ħajt inbena b'dan il-mod biex f'kas ta' invażjoni l-għadu ma jindunax li postazzjoni militari. Il-postazzjoni l-oħra tas-*searchlights*, dik Tal-Bisqra kienet tikkonsisti minn pjattaforma tal-konkos, u qabel ma nqerdet f'attakk, kellha wkoll ħitan tal-konkos, fejn kienet titpoġġa matul il-ġurnata u mgħottija biex ma tidhirx mill-ajru.

Mapep kontemporanji ta' Malta juru l-pożizzjonijiet tas-*searchlights* f'Jannar u Mejju 1942. L-ewwel mappa turi l-preżenza ta' *searchlights*; waħda f'Tal-Bisqra u l-oħra f'Tal-Griebeġ. Il-preżenza tagħhom



Kanun tat-tip Bofors 40mm Light anti-aircraft gun u l-ekwipaġġ tiegħu viċin Forti Campbell. (Heritage Malta – Muzew Nazzjonali tal-Gwerra)

Il-postazzjoni tas-searchlight ta' Għajn Tuffieħa. (Kollezzjoni tal-awtur)





Il-postazzjoni tas-searchlight f'Tal-Bisqra. (Kollezzjoni tal-awtur)

Ritratt ta' 90cm *Searchlight* ta' Kontra l-Ajruplani.
(Heritage Malta – Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)





ġiet ikkonfermata mittieni mappa, li turi wkoll il-preżenza tat-tielet *searchlight* fil-Mistra. Is-*searchlights* fil-Mellieħa kienu utli ħafna minħabba li l-ajruplani Taljani u Ġermaniżi kienu jgħaddu minn fuq il-Mellieħa, fi triqithom lejn il-parti ċentrali u n-nofsinhar ta' Malta; b'dan il-mod l-ajruplani kienu jiġu illuminati u possibilment jitwaqqgħu qabel ma jaslu fuq it-*target* tagħhom.

Is-Sur George Borg kien joqgħod Ħal Qormi fi żmien il-gwerra, fejn inqabad bil-lieva, ssieħeb mar-*Royal Malta Artillery* (RMA, fejn ġie stazzjonat fil-postazzjoni tas-searchlight ta' Għajn Tuffieħa. Peress li kien joqgħod Ħal Qormi kellu jiġi mwassal b'karozza sa San Pawl il-Baħar u minn hemm jimxiha sa Għajn Tuffieħa. Fil-postazzjoni kien hemm tnax-il suldat, fejn matul il-ġurnata għaxar suldati kellhom jibqgħu *on duty* mentri tnejn oħra setgħu jieħdu l-leave

Meta kienet titħabbar li ġej attakk mill-ajru, s-surġent kien jagħti l-ordni "target north", minħabba li l-ajruplani Taljani dejjem kienu jiġu mit-Tramuntana, u wara jagħti l-ordni "take post", "target north", "engage" u wara "expose". Suldat Nru. 4 kien jieħu l-kontroll tas-*searchlight*, suldat Nru 5 jixgħelha, u s-suldati Nri 6, 7, 8 kienu fuq is-*sound locator*. Suldat Nru 6 kien l-NCO, suldat Nru 7 kien *bearing listener* u suldat Nru.9 kien *elevation listener*. Hu jiftakar li l-ajruplani Taljani dejjem kienu jinqabdu mid-dawl tas-searchlights, mentri l-Ġermaniżi kienet diffiċli biex taqbadhom.

Apparti mill-kanuni ta' kontra l-ajruplani u s-*searchlights*, kien hemm ukoll numru ta *machine-guns* użati kontra ajruplani li kienu jtiru fil-baxx. Normalment dawn il-*machine-guns* kienu Bren guns u Lewis guns. Skont Francis Attard kien hemm erbgħa Bren guns li kienu stazzjonati f'Taċ-Ċikkien, fuq l-*Officers' Mess*, fuq l-OP (jew aħjar il-*Mellieha Civil Defence Depot*) u Mellieħa Heights.

Aktar informazzjoni tinsab fil-ktieb tal-istess awtur *Wartime Mellieħa: The role of the village in the Second World War 1940-43* li jista' jiġi akkwistat mill-Kunsill Lokali Mellieħa.

